Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Samy El Masri

Illum 31 ta’ Awissu, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Samy El Masri, iben Ahmed Youssif u Hosna Abdul Al, imwieled il-Kajr l-Egittu fis-17 ta’ Awissu, 1940 u detentur ta’ passaport Egizzjan bin-numru 545520 li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

(a) b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eizistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimeika, ghamel qligh ta' aktar minn LM1,000 ghad-dannu ta' Harold Caruana, u persuni ohra, dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn flejjes li jappartjeni lil Harold Caruana u persuni ohra, liema flus jaccedu s-somma ta' LM1,000, u li l-istess somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu bhala impjegat ta' l-imsemmija socjeta', taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-pieni stabbliti mil-Ligi tiddikjara lill-imsemmi Samy El Masri bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu a tenur ta' l-Artiklu 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed certu Harold Caruana li ghandu negozzju ta' lukanda bl-isem Tropicana Hotel li tinsab f'San Giljan, Paceville. Huwa xehed illi jaf lill-imputat fuq imsemmi illi kien gie bhala resident fil-lukanda tieghu. L-ewwel darba li kien gie kien f'Marzu tal-1999. L-imputat kien qal lil Harold

Caruana illi hu kien negozjant u li kien gie Malta sabiex jiftah xi negozju ma partner Malti illi jehodlu hsieb l-affarijiet f'Malta u n-negozzju kellu jkun ta' import/export. Lill-imputat kien tah l-impressjoni li huwa jahdem bhala commission agent. Kien urih samples ta' shampoos u shower gels, liema samples ghadhom fil-pussess ta' Harold Caruana. Harold Caruana kompla jixhed illi huwa wera interess illi jkun agent tal-imputat f'Malta, jehodlu hsieb il-'paperwork' f'Malta u anke isiblu suq lokali ghall-prodotti tieghu u dana peress illi l-imputat kien qallu illi s-shapoos illi kellu kienu qeghdin Spanja. Harold Caruana mar flimkien mal-imputat ghand Avukat u ghamel 'agency agreement' mieghu; liema draft ta' dan l-agency agreement jinsab esebit fil-process immarkat bhala Dok. HC1. Harold Caruana mar ukoll mal-imputat il-VAT office jirregistraw il-partnership bl-isem S & H Trading. Harold Caruana baghat diversi faxes mill-ufficju tieghu u ghamel ukoll hafna telefonati fejn hu u l-imputat ippruvaw ibieghu dan is-shampoo. Caruana kompla jispjega illi l-ideja kienet li l-imputat fuq imsemmi kellu igib is-shampoo f'container wiehed jew inkella f'zewg containers f'Malta, ihallihom il-Freeport u jekk isibu s-Suq Lokali jibdew ibieghuhom lokalment. Il-ftehim kien illi jekk ma isibux is-suq kellhom

jaghmlu ‘re-export’ ta’ dan is-shampoo u b’hekk allura d-dazzju ma jkunx thallas f’Malta. Harold Caruana kompla jixhed illi dawn il-containers effettivament qatt ma gew Malta u illi huwa kien ta lill-imputat fuq imsemmi s-somma ta’ tlett elef lira Maltin (LM3,000), l-ekwivalenti ta’ tmien telef dollaru amerikan u b’dan l-ammont qieghed jghodd ukoll l-ispejjes. Harold Caruana xehed illi l-flus tahomlu lill-imputat ghaliex l-imputat kien qallu li ried ihallas il-‘freight’ u kien qallu li f’dak il-mument ma kellux flus likwidi f’idejh biex ihallas il-‘freight’ u dana peress illi kellu xi problemi mal-mara tieghu. Harold Caruana xehed illi hu u l-Avukat tieghu ippruvaw jaghmlu kuntatt mal-Avukat tal-imputat certu Dr. Al Habib minn Casablanca sabiex jaghmlu kuntratt pero’ dan il-kuntratt qatt ma sar. Skond Caruana huwa kien ta flus lill-imputat ghall-freight tal-containers illi kellhom jaslu Malta bix-shampoos, liema containers qatt ma waslu f’Malta. Harold Caruana kompla jixhed illi darba ohra l-imputat kien rega gie ghandu b’xi samples ta’ ‘jeans wear’ u kien rega talbu l-flus ghan-negozzju ta’ dan il-‘jeans wear’. Pero’ din id-darba Caruana kien irrifjuta li jaghmel in-negozzju u irrifjuta wkoll illi jaghti lill-imputat xi flus. Huwa kien staqsa lill-imputat ghal dawk it-tlett elef lira Maltin illi kien tah. L-imputat beda jaghtih diversi verzjonijiet u kien

gab l-iskuza li ma kellux flus peress illi kellu l-inkwiet ma martu. Fil-frattemp il-containers qatt ma waslu Malta. Harold Caruana kien sar jaf illi l-imputat kien irritorna Malta meta gie hekk infurmat mill-Ufficjali tal-Immigration u meta kien rega gie Malta Harold Caruana din id-darba ma kienx rega mar fil-lukanda ta' Harold Caruana. Harold Caruana xehed ukoll illi huwa beda jircievi fax messages minghand persuni li ma kienx jaf. Dawn il-fax messages ircevihom fuq il-fax number illi hu u l-imputat kienu ghamlu fuq il-letter head tal-kumpannija illi kienu ghamlu flimkien u dan huwa l-fax number personali ta' Harold Caruana. Harold Caruana esebixxa sitt fax messages li gew immarkati minn Dokument HC2 sa Dokument HC7. Huwa qal illi irceva wkoll messaggi ohrajn fil-fax machine tieghu fuq il-letter head ta' S & H Trading dwar affarijiet illi huwa ma kellu l-ebda ideja dwarhom. Huwa xehed ukoll dwar it-timbru li jidher fuq dawn il-messaggi kollha illi huwa ma kienx jaf x'kien dan it-timbru u li qatt ma kien rah qabel. Caruana kompla jixhed illi ftit wara li l-imputat telaq huwa ma sema xejn aktar dwaru, ghalhekk kien rega mar il-VAT Office u kien ikkancella r-registrazzjoni tas-socjeta S & H Trading. Huwa esebixxa d-dokument HC8 li kienet ittra li kien irceviha fil-gimgha illi xehed jigifieri ghall-habta ta' l-ewwel

gimgha ta' Novembru tas-sena 2000 u huwa qal ukoll illi huwa kien ippreokkupat peress illi apparti l-flus li ta lill-imputat huwa beda jibza li l-imputat kien qieghed jaghti l-ittri lin-nies sabiex japplikaw biex jigu joqghodu f'Malta, jippoza bhala Direttur ta' din il-kumpannija S & H Trading u b'hekk huwa beza illi seta jidhol f'xi negozzju li ma jaf xejn dwaru peress illi jkun indahlu fih ghad-insaputa tieghu l-istess imputat. Illi gie esebit id-dokument HC1 Sales Agency Agreement, liema agreement allegatament sar bejn l-imputat u Harold Caruana, pero' l-Qorti tosserva illi fuq dan l-agreement ma hemm l-firma ta' hadd.

Illi xehdet l-Ufficjal Prosekutur u qalet illi kienet irceviet rapport minghand Harold Caruana datat 27 ta' Gunju tas-sena 2000 fil-kapacita tieghu bhala Managing Director tat-Tropicana Hotel fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi kien iffrodah is-somma ta' sitt elef dollari Amerikani fis-sens illi kien weghdu li kienu ser jaghmlu xi business flimkien, kien ghaddielu xi somma ta' flus bil-quddiem pero' dan il-business ghal xi raguni jew ohra ma sarx. Is-Sur Caruana kompla jghid illi l-imputat kien ikkonvincih sabiex jaghmlu dan in-negozzju li kien jikkonsisti f'importazzjoni ta' oggetti ghal Malta, li jew isibu l-bejgh taghhom f'Malta jew inkella

jigu mibghuta lil xi pajiz esteru u ghalhekk isibu l-bejgh taghhom f'pajjiz iehor. Is-Sur Caruana kompla jghid lill-pulizija illi peress illi l-imputat kien ikkonvincih huwa mar japplika mal-VAT department ghal VAT number ghal din il-kumpannija S & H Trading Import & Export u illi irregistra wkoll il-kumpannija mal-partnership office. Is-Sur Caruana kompla jixhed illi kien ghadda somma flus lill-imputat bl-intendere illi meta jerga jigi lura Malta jgiblu l-ewwel konsenja ta' affarijiet. Kompla jghid illi mat-tieni vista tieghu l-imputat gab xi samples ta' shampoo u jeans u s-Sur Caruana kien gie mitlub minn l-imputat biex jsib il-bejgh ta' dawn is-samples fis-suq lokali. Is-Sur Caruana qal lill-pulizija illi l-imputat kien irnexxielu jikkonvincih illi kien hemm container mghobbi diga lest fil-port ta' Spanja. Il-kliem preciz kien, "ready to be shipped to Malta with a consignment of these samples" jigifieri shampoo u jeans sabiex hu jigifieri s-Sur Caruana isib il-bejgh ta' dawn l-affarijiet fis-suq lokali. Skond is-Sur Caruana l-imputat kien ikkonvincih ukoll illi dan il-container kien ser jidhol il-Freeport u jekk ma isibux bejgh ta' dawn l-oggetti f'Malta kien ikollhom ihallsu d-dazzju u l-container ried jerga jigi ri-esportat ghal xi pajjiz iehor biex isibu l-bejgh taghhom. Is-Sur Caruana kompla jghid lill-pulizija li l-imputat talbu l-flus

sabiex jigi impurtat il-container biex ihallas il-freight charges ghal container u dana peress illi flus f'idejh ma kellux peress li kien hemm Mandat ta' Sekwestru fil-Bank Account tieghu fl-Egittu. Kien ghalhekk illi s-Sur Caruana avvanzalu t-tieni pagament lill-imputat, pero' ghal xi raguni jew ohra il-container qatt ma wasal f'Malta u l-imputat ma regax gie Malta u lanqas ma rega ghamel kuntatt mas-Sur Caruana. Is-Sur Caruana kompla jghid lill-pulizija li sussegwentement beda jircievi faxes minn persuni li hu ma kienx jafhom bil-lingwa Gharbija u dik Franciza. Sar jaf minn wahda minn dawn il-faxes li kien hemm account f'isem S & H Trading mal-BOVI. Huwa assigura lill-pulizija li qatt ma kien awtorizza lill-imputat sabiex jiftah bank account mal-BOVI f'isem din il-kumpannija u illi jekk infetah xi bank account hu ma kienx iffirma ghal dan l-account. Fis-6 ta' Novembru tas-sena 2000 l-pulizija gew infurmati mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni tal-Ajruport illi l-imputat kien gie imwaqqaf qabel ma jitlaq minn Malta fuq triqtu lejn Casablanca u dan fuq istruzzjonijiet tal-pulizija. Kien ghalhekk illi l-imputat gie arrestat u ittiehed fit-taqsima tal-iskwadra ta' kontra l-frodi. L-imputat gie moghti s-solita twissija u inhatarlu wkoll interpretu. Peress illi l-imputat cahad l-alleggazzjonijiet kollha maghmula mis-Sur Caruana l-Ispettur Farrugia

Mamo ikkonfrontatu ma Harold Caruana, pero' nonostante l-inkontru l-imputat baqa jichad b'mod kategoriku r-rapport u l-allegazzjonijiet li saru mis-Sur Caruana fil-konfront tieghu. L-imputat rega gie interrogat fis-7 ta Novembru tas-sena 2000 u rega gie moghti s-solita twissija u kien hemm prezenti wkoll l-interpretu u f'dik l-istanza l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija. F'din l-istqarrija l-imputat qal lill-pulizija illi kien negozzjant u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal 45 sena. Huwa kien gie Malta bejn hames jew sitt darbiet u spjega illi wara illi spiccat il-kumpannija ma Harold Caruana gie Malta ghall-vaganza. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li sar jaf lil Harold Caruana meta kien residenti fil-lukanda tieghu Tropicana Hotel. Huwa cahad illi introduca lilu iniffsu ma Caruana bhala negozzjant u illi hajru biex jaghmel negozzju mieghu u qal illi anzi kien is-Sur Caruana illi kien hajru biex jaghmel negozzju mieghu u kien hadu ghand l-Avukat tieghu sabiex iwaqqaf kumpannija. Pero' huwa kien irrifjuta illi jiffirma il-kuntratt. L-imputat qal illi s-Sur Caruana kien talbu sabiex imorru l-kamra kummercjali biex jirregistraw il-kumpannija f'isem S & H Trading Import & Export u talbu wkoll sabiex jiehu hsieb il-kumpannija bhala Direttur. Skond l-imputat, il-kumpannija giet registrata mal-Malta Financial Services Centre u l-kapital taghha kien ta'

LM25,000 (hamsa u ghoxrin elf lira Maltin). L-imputat cahad illi kien qal lil Harold Caruana illi kellu jasal f'Malta container bix-shampoo u b'xi samples ohrajn minn Spanja li kellu jibqa l-Freeport sa kemm jigi rilaxxjat u jinstab il-bejgh tal-oggetti fis-suq lokali. Huwa qal illi hu kien jiddiskuti mas-Sur Caruana fuq hwejjeg li kellhom jigi mill-Marokk. Fil-fatt huwa kien mar il-Marokk u gie lura Malta u kellu bagalja mimlija samples tal-hwejjeg li kien tahom lil Harold Caruana. Harold Caruana dar bihom f'Malta u wara gie lura minghajr nofs l-affarijiet u kien qal lill-imputat illi dawn l-affarijiet kien hallihom bhala samples sabiex issir l-ordni fuqhom. L-imputat cahad illi Harold Caruana kien tah xi flus u qal illi kien hu li kien johrog il-flus. Huwa cahad ukoll illi qal lil Harold Caruana illi kellu il-problemi peress illi kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u ghalhekk kellu bzonn xi flus biex ikun jista jissettilja l-kont pendenti mal-Avukat tieghu u l-flus tieghu jigu eventwalment rilaxxjati minn bank fl-Egittu. Huwa qal ukoll illi hu u Harold flimkien kienu fethu kont f'ismu jigifieri f'isem l-imputat personali mal-Bank of Valletta International sabiex il-flus tal-kumpannija jidhlu hemm hekk. Huwa qal illi Harold Caruana kien jaf b'dan l-akkont, pero' ma kienx iffirma ghalih. Mistoqsi dwar xi faxes illi intbaghtu lil Harold

Caruana fuq letter heads tal-kumpannija minghajr il-kunsens tieghu huwa qal illi kien baghat faxes lil Harold Caruana dwar kuntratti ta' negozzju ta' madwar miljun dollaru Amerikan u Harold Caruana qatt ma irrisponda dawn il-faxes. Huwa qal illi t-timbru tal-kumpannija kien hallih warajh il-Marokk u dan it-timbru huwa fl-istess waqt l-isem tal-kumpannija. L-imputat qal illi fil-fatt huwa qatt ma opera xejn f'isem il-kumpannija u cahad kategorikament illi Harold Caruana tah xi flus sabiex igib f'Malta prodotti biex jinstab bejgh fis-suq lokali, liema prodotti qatt ma gew Malta. Huwa cahad illi Harold Caruana tah madwar sitt elef dollaru amerikan u qal illi bil-kontra kien hu illi tilef hafna flus, tilef miljuni kbar ta' dollari amerikani f'negozzju. Huwa qal ukoll illi qieghed ifittex lil Harold Caruana ghal ghaxart elef dollaru amerikan illi huwa hareg bhala spejjes. Huwa baqa jichad l-incident kollu u insista illi ried lura il-flus illi kien hareg.

Illi xehed Anthony Ellul, impjegat mal-Bank of Valletta International Limited. Huwa xehed dwar bank account numru 11943087001 illi jghajjat lill-imputat fuq imsemmi li ghandu passaport numru 545520. Huwa qal illi dan il-kont bankarju infetah fl-4 ta' Marzu, 1999 f'isem l-imputat fuq

imsemmi. Rigward S & H Import & Export ma irrizultalu xejn mill-istharrig illi ghamel. Huwa qal illi seta jiffirma ghal dan il-kont l-imputat biss u li ma kien hemm l-ebda firmatarju iehor. Fil-fatt il-bank account infetah mill-imputat personalment. Ix-xhud kompla jghid illi dan il-kont bankarju qatt ma iffunzjona, qatt ma gew depozitati l-ebda fondi sabiex jinfetah dan l-akkont u ma kien hemm l-ebda transazzjoni f'dan l-akkont. Huwa xehed illi lil Harold Caruana ma jafux u lill-imputat huwa personalment qatt ma kien iltaqa mieghu.

Illi xehed Raymond Cremona, rapprezentant tal-Registratur tal-Kumpanniji. Huwa qal illi minn ricerka illi kien ghamel irrizultalu illi l-kumpannija S & H Trading ma tezistix. Lanqas ma tezisti l-kumpannija S & H Import & Export u lanqas il-kumpannija S & H Trading. Mir-ricerka illi ghamel ikkonferma illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandu l-ebda kumpannija f'ismu f'Malta.

Illi xehed Paul Scicluna, VAT Inspector u rigward il-VAT number 15381134 huwa qal illi dan jghajjat lill-imputat fuq imsemmi kif ukoll lill-Harold Caruana bhala in-numru ta' 'VAT registration' ta' partnership. It-tnejn li huma kienu

marru l-VAT office sabiex japplikaw ghal dan il-VAT number u dan jirrizulta mir-registration form li hemm fl-ufficju tal-VAT. Huwa xehed illi r-registration number tal-VAT rigward dan il-parnership kien ghadu miftuh u dana sas-26 ta' April, 2001 meta xehed Paul Scicluna l-Qorti.

Illi rega xehed Harold Caruana u qal illi l-lukanda Tropicana hija mikrija ghandu u jiggestiha hu. Huwa qal wkoll illi dejjem kien f'xoghol ta' lukandi u illi meta kien impjegat f'lukandi kien jahdem ta' awditur kif ukoll f'lukanda. Pero' meta kien jahdem ta' awditur ma kienx jahdem f'lukanda. Huwa xehed illi lill-imputat fuq imsemmi qatt ma fittxu civilment ghaliex ma kellu l-ebda indirizz fejn seta jinnotifikah.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi gie akkuzat bir-reati ta' frodi u ta' misapproprazzjoni. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-frodi, cioe' t-truffa, fil-ligi taghna element essenjali ghall-kostituzzjoni ta' dan ir-reat hija l-'mise en scene' cioe' dawk l-artifizji jew raggiri idoneji li jikkonducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma fi zball, l-ingann u li b'konsegwenza ta' dak l-izball

il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. Skond il-gurista Taljan Francesco Antolisei b'artifizji wiehed ghandu jifhem "ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuato sia simulando, cioe' che non esiste per ezempio ricezza, titoli, nome, qualita etc., sia dissimulando vale a dire nascondendo cioe che esiste, per ezempio il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata o inabilita, l-uso di una determinata cosa etc" Manuale di Diritto Penale Parte Speciale 1, Giuffee Milano, 1986 pg. 295. L-istess awtur jiddifinixxi r-raggir b'dan il-mod, "Ir raggiro e un avvolgimento ingenioso di parole destinate a convincere piu precisamente una mensogna corregata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita`".

Illi l-Ligi taghna ma tirrekjedix li l-messa in xena jkunu xi haga komplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet. Fil-fatt il-Ligi taghna stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta ma ghandhiex, meta wiehed johrog cheque meta jkun jaf jew messu

ragonevolment jaf li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom kontemplati fil-Ligi taghna. Pero' kif inghad element essenzjali iehor ta' dan ir-reat huwa it-telf patrimonjali illi iggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent; liema telf u qligh ikunu rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. Infatti it-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-approprazzjoni indebita bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh.

Illi fil-kaz odjern certament ma jissussistix ir-reat ta' truffa. L-imputat fuq imsemmi mhux talli ma marx jippoza u jghid illi huwa ghandu hafna flus, talli skond l-istess Harold Caruana, l-imputat qal illi huwa ma ghandux flus u dana peress illi kien hemm xi problemi ta' sekwestru peress illi kien ghaddej minn separazzjoni personali minn ma martu fil-Marokk u talab lil Harold Caruana jghaddilu l-flus u skond Harold Caruana huwa tah is-somma ta' tlett telef lira Maltin.

Illi Harold Caruana ma xehedx illi per ezempju l-imputat hadlu xi hafna nies sabiex jurih illi dawn huma klijenti tieghu u lanqas ma urih xi lista ta' klijenti. Huwa semplicement

kien fil-lukanda tieghu t-Tropicana Hotel u dana skond il-kliem ta' Harold Caruana, qallu illi kien interessat illi jaghmel negozzju mieghu, Caruana accetta, l-imputat qallu li ma ghandux flus sabiex ikun jista jibda jsir in-negozzju u Caruana ghaddielu l-flus.

Illi dawn certament ma humiex cirkostanzi illi wiehed jadopera sabiex jinganna jew iqarraq b'haddiehor.

Illi lanqas, per ezempju, ma l-imputat ta xi isem falz. Huwa ta l-partikolaritajiet tieghu, liema partikolaritajiet irrizultaw illi huma genwini u Harold Caruana deherlu li kellu javdah u jghaddielu s-somma ta' tlett elef lira Maltin.

Nigu issa ghar-reat ta' approprazzjoni indebita, il-misapproprazzjoni. Illi dan ir-reat ghad-differenza tas-serq huwa karraterizzat bl-inverzjoni tat-titolu tal-pussess. Il-contrectatio rei jew sostrazzjone tal-haga 'invito domino'. Il-karatteristika specjali ta' dan ir-reat huwa l-abbuz tal-fiducja li tkun riposta fl-agent u l-fiducja tibqa l-oggett specifiku tat-tutela guridika penali. Dan l-abbuz ta' fiducja umbaghad jikkonsisti fil-vjolazzjoni tal-obbligu tar-restituzzjoni jew tal-uzu determinat tal-haga, liema vjolazzjoni issir bl-inverzjoni

tat-titolu tal-pussess in kwantu l-agent jaghmel uzu mill-haga fdata jew ikkonsenjata lilu b'dak l-obbligu bhal li kieku kienet tieghu.  (Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Tancred Fleri Soler" tat-30 ta' Ottubru, 1975).

Illi Caruana jikkontendi illi huwa ta' s-somma ta' tlett elef lira Maltin lill-imputat fuq imsemmi u dana sabiex ikun jista igib il-container bl-affarijiet minn Spanja u illi l-imputat flok uza l-flus sabiex isir dan in-negozju dawn il-flus hadhom ghalih u hu qatt ma rega rahom lura.

Ikkunsidrat  :

Illi Harold Caruana ma ghandu l-ebda prova illi huwa fil-fatt ghadda din is-somma lill-imputat fuq imsemmi.  L-imputat ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, kif ghandu kull dritt illi jaghmel, pero' meta gie arrestat 'a tempo vergine' huwa mill-ewwel cahad l-incident kollu mill-bidu sal-ahhar u cahad kategorikament illi Harold Caruana kien qatt ghaddielu xi flus.

Illi ghalhekk l-unika prova illi hemm illi fil-fatt Caruana ghadda dawn il-flus lill-imputat hija l-istess xhieda ta' Harold Caruana illi ma tezisti l-ebda ircevuta jew skrittura fis-sens illi Caruana silef dawn il-flus lill-imputat u lanqas ma kien hemm xi xhieda illi raw lil Caruana jghaddi dawn il-flus lill-imputat.

Illi huwa minnu illi xhud wiehed jekk emnut huwa sufficjenti fil-kamp penali sabiex tigi stabbilita htija. Illi pero' fil-kaz odjern Harold Caruana ma kienx tant konsistenti fil-verzjoni illi ta. Illi Harold Caruana l-ewwel semma c-cifra ta' sitt elef dollaru Amerikan, umbaghad semma c-cifra ta' tmien telef dollaru Amerikan u dana b'referenza ghall-flus illi ghadda lill-imputat fuq imsemmi.

Illi wkoll filwaqt illi Caruana xehed illi huwa ghadda pagament wiehed biss lill-imputat l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo xehdet illi Harold Caruana kien qalilha illi huwa kien ghadda din is-somma ta' tlett elef lira lill-imputat fuq imsemmi permezz ta' zewg pagamenti differenti u ghalhekk hawn hekk hawn inkonsistenza ohra fil-verzjoni ta' Harold Caruana.

Illi l-imputat hawn hekk mhuwiex akkuzat talli seta baghat xi faxes mill-Marokk jew minn xi pajjiz iehor illi gew ricevuti fuq il-fax machine ta' Harold Caruana. Illi lanqas ma huwa akkuzat illi mar jirregistra flimkien ma Harold Caruana l-kumpannija mal-VAT office u lanqas certament ma qieghed jigi akkuzat illi wera xi samples tal-merkanzija tieghu lill-imputat. Dawn il-fatturi kollha mhumiex rilevanti ghall-akkuza in kwistjoni, cioe' dik ta' misappropazzjoni. L-akkuza odjerna hija fis-sens illi Harold Caruana ta s-somma ta' tlett elef lira lill-imputat sabiex din is-somma tintuza ghall-skopijiet tan-negozju li kellu jsir bejniethom u skond Harold Caruana l-imputat minflok uza l-flus sabiex isir in-negozju, dawn il-flus zammhom ghalih, uzahom ghal xi skop iehor u b'hekk huwa hati ta' misapproprjazzjoni.

Illi kif diga intqal, ma tressqet l-ebda prova konkreta 'il boghod minn ebda dubbju dettat mir-raguni illi Harold Caruana ghadda dawn it-tlett elef lira flus lill-imputat fuq imsemmi.

Illi jekk wiehed ikompli jifli l-provi li gew prodotti jara illi lanqas biss ma sar l-ebda ftehim bejn l-imputat u Harold Caruana. Kull ma gara huwa illi gie esebit kopja ta' draft

agreement, liema draft agreement ma gie iffirmat minn hadd.

Illi, ghalkemm fl-akkuza hemm imnizzel illi l-imputat fuq imsemmi ikkommetta r-reati in dizamina anke fil-konfront ta' persuni ohrajn, kien biss is-Sur Harold Caruana illi tela jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi tezisti inezattezza ohra fix-xhieda ta' Harold Caruana fis-sens illi huwa qal illi kien mar fl-Ufficju tal-VAT sabiex jikkancella l-isem tal-kumpannija, mentri fil-fatt tela rapprezentant tal-Ufficju tal-VAT u xehed fis-sens illi l-kumpannija ghadha registrata ma l-ufficju tal-VAT.

Illi tenut kont tal-fatt illi Harold Caruana mhuwiex kredibbli u dana peress illi jezistu diversi inkonsistenzi fil-verzjoni illi ta, jezisti ukoll il-fatt illi Harold Caruana, illi ghamel zmien jahdem bhala Awditur u ghalhekk suppost li jaf l-affarijiet tieghu sew, ma ottjeniex ircevuta minghand l-imputat ghat-tlett elef lira illi selfu. Illi wara kollox is-somma ta' tlett elef lira mhijiex xi somma zghira. L-imputat fuq imsemmi kien bniedem barrani u il-Qorti jidhrilha illi mhuwiex verosimili illi Harold Caruana jaqbad u jghaddi din is-somma flus

minghajr lanqas biss ma jkollu xhud prezenti u minghajr lanqas biss ma jitlob lill-imputat sabiex jaghmillu l-ircevuta, kif kellu kull dritt li jaghmel. Wara kollox mhuwiex dover ta' min jircevi l-flus li jaghmel ircevuta jekk il-persuna li tkun qeghda taghti l-flus ma titlobilux. U wara kollox ukoll min ghandu l-iktar interess illi jinghata ircevuta, l-persuna li qeghda tghaddi l-flus jew il-persuna li qeghda tircevihom? Ir-risposta hija ovvja.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda **tilliberah** minn kull htija u piena.

Il-Qorti **<u>tichad</u>** it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur